

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Opatowie (il-Polonja) fl-20 ta' Marzu 2019 —  
QL S.A. w B. vs C.G.**

(Kawża C-252/19)

(2019/C 280/24)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy w Opatowie (il-Qorti Distrettwali ta' Opatów, il-Polonja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: QL S.A. w B.

Konvenut: C.G.

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (¹) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(g) u l-Artikolu 22(1) tal-imsemmija direttiva, għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu l-introduzzjoni, fl-ordinament [ġuridiku] nazzjonali, tal-istituzzjoni tal-“ispejjeż massimi tal-kreditu esklużi l-interessi” u tal-mudell matematiku ta’ kalkolu tal-ammont ta’ dawn l-ispejjeż, previsti fil-punt 6-a tal-Artikolu 5 moqri flimkien mal-Artikolu 36-a tal-ustawa z 12 maja 2011 r.o kredycie konsumenckim (il-Liġi tat-12 ta’ Mejju 2011 dwar il-kreditu fuq il-konsum, test ikkonsolidat, Dz. U. tal-2018, intestatura 993), fejn dawn il-mekkaniżmi ġuridiċi jippermettu li jiġi inkluż ukoll, fl-ispejjeż relataji mal-kuntratt ta’ kreditu sostnuti mill-konsumatur (ammont totali tal-kreditu), l-ispejjeż tal-attività ekonomika eż-żejt mill-impriżza?

---

(¹) ĠU 2008, L 133, p. 66 u r-Rettifiki.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Den Haag (il-Pajjiżi l-Baxxi) fid-9 ta' April 2019 —  
Dexia Nederland BV vs Z**

(Kawża C-289/19)

(2019/C 280/25)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Gerechtshof Den Haag

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Appellanti:Dexia Nederland BV

Appellat: Z

### **Domandi preliminari**

- 1) L-utent ta' klawżola abbużiva li ġiet annullata u li kienet intiża għall-ħlas ta' kumpens fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni mill-konsumatur tal-obbligi tiegħu, jista' jinvoka l-kumpens legali applikabbi abbażi ta' liġi supplimentari?
  - 2) Għall-finijiet ta' risposta għal din id-domanda, hija importanti l-kwistjoni dwar jekk il-kumpens li jista' jiġi pretiż b'applikazzjoni tas-sistema ta' kumpens legali jkunx ugwali, inferjuri jew superjuri għall-kumpens previst mill-klawżola annullata?
- 

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (Spanja)  
fis-16 ta' April 2019 — R.C.C. vs M.O.L.**

**(Kawża C-314/19)**

**(2019/C 280/26)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### **Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla La Mancha

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: R.C.C.

Konvenut: M.O.L.

### **Domandi preliminari**

L-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji<sup>(1)</sup> u, konsegwentement, il-kontenut tal-imsemmija direttiva, huwa applikabbi għal sitwazzjoni li filha nutar, li huwa kemm uffiċċjal pubbliku kif ukoll persuna privata li timpjega ħaddiema fis-servizz tagħha u li r-relazzjonijiet taqħha bħala persuna li timpjega huma rregolati bid-dritt ġenerali tax-xogħol kif ukoll bi ftehim kollettiv settorjali, jissostitwixxi n-nutar preċedenti, jieħu l-atti tiegħu, ikompli jeżerċita l-attività fl-istess post tax-xogħol bl-istess struttura materjali, u jieħu lura l-ħaddiema li kienu impjegati minn dan tal-aħħar?

---

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98.

---